



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-30 ta' Ottubru 2019

Il-Programm ta' Ħidma għall-2020 tal-Awdituri tal-UE: nivverifikaw jekk l-UE hijiex qed tagħti rżultati

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) illum ippubblikat il-programm ta' ħidma tagħha għas-sena d-dieħla, filwaqt li elenkat il-prijoritajiet tal-awditjar tagħha li ġejjin. Dawn se jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, li jirriflettu l-isfidi prinċipali u t-tħassib ewlieni tal-UE: l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, it-tkabbir u l-inklużjoni, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-iżvilupp globali, is-suq uniku, u UE li tagħti rendikont u tkun effiċjenti. L-awdituri se jiskrutinizzaw dawn l-oqsma biex jistabbilixxu jekk l-UE hijiex qed tagħti rżultati fuq l-impjenji tagħha.

Il-Programm ta' Ħidma għall-2020 jipprovdi aktar informazzjoni dwar madwar 41 rapport li l-QEA hija mistennija li tippubblika fl-2020, magħżula abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji prinċipali fir-rigward tal-infiq u tat-twettiq tal-politiki tal-UE. Għall-ewwel darba, l-awdituri se jippubblikaw ukoll rapport annwali dwar il-prestazzjoni tal-politiki tal-UE. Dan huwa minbarra r-rapporti annwali tagħhom dwar il-baġit tal-UE, il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, l-aġenziji tal-UE, l-Impriżi Konġunti u l-Iskejjel Ewropej. Huma se jagħtu opinjonijiet dwar liġijiet tal-UE li huma ġodda jew aġġornati u li għandhom implikazzjonijiet finanzjarji.

"Għalkemm il-baġit annwali totali tal-UE, ta' madwar EUR 140 biljun, jista' jidher li huwa kbir, huwa jirrappreżenta biss madwar 1 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-Istati Membri tagħha," qal il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Klaus-Heiner Lehne. "Għalhekk, huwa verament ta' importanza kbira li dan il-baġit jintnefaq b'mod effettiv, u din hija r-raġuni għalfejn il-ħidma tagħna tiffoka dejjem aktar fuq l-eżaminar ta' jekk il-politiki u l-programmi tal-UE jilħqux l-obiettivi tagħhom u jiksbox il-valur miżjud, aktar milli jsegwu r-regoli stabbiliti biss."

Għas-sena li ġejja, l-awdituri tal-UE qiegħdu s-sostenibbiltà fil-qalba tal-ħidma tagħhom. Din hija r-raġuni għalfejn, fl-2020, huma se jkomplu jivvalutaw jekk l-UE hijiex qed tindirizza kif xieraq it-tibdil fil-klima, b'rapporti dwar l-użu tal-pestiċidi u l-iskart tal-plastik, kif ukoll dwar l-ambjent tal-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-Programm ta' Ħidma għall-2020 ippubblikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Il-programm ta' ħidma sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

baħar, il-bijodiversità fil-biedja u l-pollinaturi, fost suġġetti oħra. Is-sena d-dieħla huma se jqisu wkoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, u se jkopru dawn is-17-il għan kollha, għajr 3 minnhom.

Il-prijoritajiet tal-awditjar tal-QEA għall-2020 se jinkludu wkoll kompiti fl-oqsma ta' investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni. B'mod partikolari, l-awdituri se jeżaminaw investimenti fl-infrastuttura tat-toroq li jikkollegaw ir-reġjuni Ewropej, il-finanzjament kulturali tal-UE u l-miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal. Huma se jeżaminaw ukoll is-sistema ta' aċċertament li l-Kummissjoni Ewropea tuża fil-Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Barra minn hekk, huma se jeżaminaw ukoll l-azzjoni esterna u l-politika ta' sigurtà tal-UE, b'mod notevoli b'awditi dwar il-mandat il-ġdid tal-Frontex bħala l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Istat tad-dritt fl-Ukrajna u ċ-ċibersigurtà fl-UE.

L-awdituri se jeżaminaw ukoll kwistjonijiet ewlenin għall-funzjonament tas-suq uniku u s-sostenibbiltà tal-unjoni monetarja, bħas-sorveljanza mill-UE tal-għajnuna mill-Istat lill-banek b'segwitu għall-kriżi finanzjarja, l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa bejn l-Istati Membri, u l-assi spazjali tal-Ewropa.

Fil-qasam ta' prijorità "Finanzjament u amministrazzjoni tal-UE b'mod responsabbli u effiċjenti", l-awdituri se jskrutinizzaw ir-rispons tal-UE għall-Inizjattiva "Belt and Road" taċ-Ċina, b'mod partikolari l-Istrateġija dwar il-Konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja. Huma se jivvalutaw ukoll, fost affarijiet oħra, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi għall-baġit tal-UE.

B'firxa tant komprensiva ta' suġġetti, il-QEA se tkompli tipprovdi liċ-ċittadini u lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE b'rapporti indipendenti dwar kwistjonijiet ewlenin għall-futur tal-UE, billi tenfasizza dak li jiffunzjona tajjeb u tiġbed l-attenzjoni għal dak li ma jiffunzjonax kif suppost.

Noti lill-Edituri

Ir-rwol tal-QEA bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE huwa li tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza. Il-QEA twissi dwar riskji, tipprovdi aċċertament, u tiġbed l-attenzjoni kemm għal nuqqasijiet kif ukoll għal suċċessi.

Ir-rapporti u l-opinjoni tal-awditjar tal-QEA huma element essenzjali tal-katina tal-obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jintalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri. Huma jgħinu wkoll liċ-ċittadini tal-UE biex jifhmu b'mod aktar ċar kif l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċjaw l-isfidi attwali u tal-futur.

Il-Programm ta' Ħidma għall-2020 huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Kuntatt mal-Istampa

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu
T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502

|